



*Brian Bonnici*

# Festi Maltin

L-istaġun tas-Sajf wasal fil-qofol tiegħu. S'issa diġa' għaddew ammont kbir ta' festi u bil-mod il-mod qed noqorbu lejn it-tmiem tagħhom ukoll. Festi li jixgħelu s-smewwiet sajfin u jqanqlu lir-raħal. Festi li jixhdu twemmin u fidi, tradizzjoni u folklor. Fuq kollox il-festi huma vetrina ta' talenti lokali, l-akar fejn jidħol il-qasam ta' l-artiġjanat fil-piroteknika u fl-armar. Sfortunatament bħal kull ħaġ'oħra li ssibha miegħek sa minn twelidek, mhux bil-fors tkun apprezzata biżżejjed, ġieli nemmnu u nistgħu naqgħu fit-tentazzjoni li naħsbu li din qiegħda hemm biex ma tispiċċax u dan bla ma nħarsu lejn l-oriġini tagħha u ċertament dan hu ħażin. Għalhekk fl-artiklu tiegħi ta' din is-sena ddeċidejt li nagħti ħarsa ħafifa ħafna lejn il-festa Maltija u l-iżvilupp tagħha, żvilupp li seħħ f'kull qasam fejn jidħol, in-nar, mużika u baned, armar u funzjonijiet. Żgur li f'dan l-ispazju ristrett mhux se jirnexxili nidħol f'dettal u lanqas mmiss il-qoxra tas-suġġett, biss nittama li dak li se nikteb dwaru jqanqal interess u apprezzament.

Il-festa hija l-qofol tal-ħajja f'kull belt u raħal u hija l-mument kulminanti meta l-poplu għal ftit granet jingħaqad u jiċċelebra flimkien. Il-poplu jifraħ u jiċċelebra b'riħet il-qaddis għax għalkemm il-festa oriġinat biex wieħed ifaħħar lill-qaddis u l-virtujiet tiegħu, maż-żmien b'riħet il-qaddis, il-poplu beda jsib ftit lok għal divertiment u ċelebrazzjoni. U dan fl-imgħoddi kien jagħmel ferm aktar sens, billi l-ħajja ma kienx fiha daqstant opportunitajiet ta' divertiment bħalma nsibu llum tul is-sena kollha. Jidher li din it-tradizzjoni żviluppat għall-ħabta tas-seklu 16 u kienet tikkonsisti biss f'avveniment żgħir biex in-nies tar-raħal ifakkru l-qaddis jew qaddisa patruna tar-raħal bl-involviment ta' xi familja sinjura u benefatturi tar-raħal li fil-festa kienu jqassmu ikel u xorb lil dawk li kienu jmorru l-knisja għall-festa. Żgur li l-Festa Maltija ġiet influwenzata mill-Kavallieri, speċjalment meta fis-seklu 18 bdew isibu kull skuża biex jagħmlu festa bħal ngħidu aħna l-ħatra ta' Gran Mastru ġdid, Papa ġdid jew biex ifakkru xi rebħa jew ġrajja. Ċertament li l-festa fuq kollox hi marbuta mat-twemmin qawwi reliġjuż li hija parti mportanti tal-ħajja Maltija.

Dawn il-festi jinqasmu fi tnejn, il-festi ta' barra u l-festi ta' ġewwa jiġifieri dawk li jiġu ċċelebrati fil-knisja u fit-toroq. Bla dubju l-aktar popolari huma huma dawk ta' barra għaliex jinvolvu briju, storbju, kulur u sens ta' ferħ fost il-poplu. Għalkemm l-akbar wirt insibuh fil-knejjes b'diversi opri ta' l-arti l-aktar xogħol fil-fidda, injam, drappijiet u kristall. Il-festa ntgħaġnet, tħawdet u saret parti mportanti tal-ħajja Maltija u hija l-qofol u l-qalba tal-kultura tagħna. Il-poplu tant xtaq jiċċelebra mingħajr xkiel u b'inqas theddid ta' temp, li wasal biex ċaqlaq il-festi mill-ġranet proprja u liturġiċi tagħhom għall-istaġun tas-sajf. Il-fatt li qabel il-festa kienet tkun iċċelebrata fil-jum liturġiku tal-qaddis kienet tagħmel aktar sens, tant li mad-dati ta' dawn il-festi kien hemm ħafna drawwiet u għidut marbuta mal-biedja, fosthom meta tiżra' l-frott jew ħxejjex jew ħsad skond it-temp li jagħmel f'ċerti festi, tant li ħafna mix-xogħol li kien isir fil-biedja kien regolat skond ċerti festi għaliex kien aktar faċli li wieħed jiftakar il-festa milli xi data partikolari.

Maż-żmien il-popolarita' tal-festa interna jew kif inhi magħrufa wkoll bħala ta' ġewwa sabet ukoll il-kompetizzjoni tal-festa ta' barra speċjalment f'dawk l-irħula fejn naqas bil-kbir il-koordinament bejn il-knisja u l-organizzaturi tal-festi esterni, ħaġa li f'Malta hi aktar ovvja minn Għawdex. Din hija ħaġa minn ewl id-dinja għaliex ċertament il-bniedem jinġibed u jagħmel aktar popolari ċelebrazzjonijiet li jinvolvu briju, storbju, kulur u sens ta' ferħ. Ċertament li l-koordinament sħiħ tal-festa huwa mportanti, festa tista' tkun biss suċċess meta l-festa esterna tikkumplimenta l-aspett reliġjuż u l-funzjonijiet fil-knejjes u mhux tikkompeti miegħu fosthom b'marċi waqt il-funzjonijiet liturġiċi. Dan hu ferm importanti tant li wassal ukoll biex jinħolqu kumitati tal-festi esterni li jkunu mmexxija u taħt il-presidenza ta' l-istess Arċipriet jew Kappillan. L-ewwel kumitat festi esterni f'Malta twaqqaf f'Ħal Qormi fl'1919 għal festa ta' San Ġorġ. Żgur li rwol importanti ta' dawn il-kumitati, apparti l-organiżazzjoni tal-festa hemm ukoll l-armar. Dan għaliex hija tradizzjoni lokali li kull triq tar-raħal speċjalment fiċ-ċentru u l-pjazez ewlenin jiġu ddekorati b'pavaljuni, statwi, kolonni u fustuni ta' dawl. Din hija tradizzjoni li ġibna minn Sqallija speċjalment fejn jidħlu l-pavaljuni tad-dawl. Imma bħal dejjem aħna l-Maltin komplejna nkabbru u nelaboraw. Tradizzjonali ferm hi l-liedna li minn waħda naturali llum qed issir tal-plastik u mill-lewn aħdar qed tieħu kuluri relatati mal-każini u l-irħula, fosthom ilwien aħmar, blu jew isfar. Fl-imgħoddi dan it-tiżjin kien jikkonsisti minn xi ftit bnadar mikrija minn fuq xi bastimenti ta' l-Ordni u li kienu jitpoġġew madwar iz-zuntier jew fuq il-bejt tal-Knisja. Minn hawn żviluppa l-armar magħruf bħala trofew. Bħala dawl kien isir tizjin b'lampi taż-żejt u torċi. U fl-art, l-aktar fil-knejjes kien jitferrex weraq tar-rand, larinġ u tal-ħarrub biex il-knisja tkun friska u b'riħa tfuħ u dan l-aktar minħabba li l-knisja kient ukoll post tad-dfin.

Karatteristika oħra tal-festa hija l-mużika sew dik fil-knisja fejn jindaqqu siltiet mużikali mill-aqwa taħt id-direzzjoni ta' Maestri di Cappella b'antifoni mill-isbaħ u wkoll bis-sehem tal-baned. Matul il-ġranet ta' qabel il-festa jsiru bosta marċi mill-banda tar-raħal u minn baned li jiġu minn postijiet oħra. Din il-ġimgħa toffri wkoll opportunitajiet lill-baned u lill-każini rispettivi biex juru s-saħħa tagħhom. L-aktar marċ imfittex hu l-marċ ta' fil-għodu. Għal dan il-marċ tista' tgħid li joħrog ir-raħal kollu u s-sehem taż-żgħażagħ hu evidenti. U la semmejna l-baned tajjeb ngħidu li l-moviment bandistiku f'pajjiżna ħa spinta f'nofs s-seklu 19 fejn l-aktar dokumenti antiki juruna li l-ewwel banda Maltija li jixirqilha wkoll iġġib it-tilu ta' Nazzjonali skond kif sejħula wkoll Castagna u Cappara twaqqfet f'Ħaż-Żebbuġ. Tant Ii bħala konferma nsibu li sa mill'1851 kienet diġa' għamlet diversi servizzi mużikali fosthom fl-okkazzjoni tal-festa tal-Madonna tal-Karita'. Din il-banda magħrufa bħala Banda Di San Filippo twaqqfet minn Mro. Filippo Galea u wara għaddiet taħt id-direzzjoni ta' Mro. Indri Borg " l-Għama". Qabel il-baned ta' llum konna nsibu gruppi mużikali żgħar iffurmat minn xi erba' baħrin minn fuq l-iġfna ta' l-Ordni li kienu jdoqqu xi fifra jew tambur. U maż-żmien daħħlu wkoll xi strumenti oħra fosthom il-vjolini. Kienet ukoll tradizzjoni li qabel il-purċissjoni xi tamburist kien idur bit-tambur iħabbar li purċissjoni kienet se tgħaddi minn dik it-triq. Illum fil-festi wieħed jista' jinnota wkoll s-sehem ta' baned rivali fl-istess festa jew baned li jiċċelebraw festa sekondarja u oħra titulari. Dan kollu seħħ l-aktar minħabba kwistjonijiet dwar mużika fil-knejjes, kwistjonijiet ta' natura politiko reliġjuża, qasmiet u opinjonijiet differenti fl-istess każin u minħabba li l-Konfraternitajiet jew gruppi ta' devoti tal-patrun tar-raħal jew ta' festa sekondarja laqgħu lill-baned fi ħdanhom jew viċi versa.

Aspett importanti tal-festa tar-raħal hu l-logħob tan-nar li jista' jilħaq il-qofol tiegħu lejlet u nhar il-festa bi spettakli ta' logħob tan-nar tal-kulur sinkronizzat u spettakli ta' logħob tan-nar ta' l-art mekkanizzat. Jidher li din t-tradizzjoni ħadet spinta kbira meta fis-seklu 19 inġabu xi Sqallin hawn Malta biex jipperfezzjonaw dak li diġa' kien ilu jsir. Għalkemm tajjeb ngħidu wkoll li fost l-aktar evidenzi antiki ta' nar fil-festi titulari nsibuhom madwar fl'1738 meta fil-festa ta' Santa Liena ġew sparati xi murtali żgħar, u fl-istess perjodu ġiet sparata musketterija fil-festa ta' Santa Katerina fiż-Żurrieq. Nafu wkoll li fl-imgħoddi l-organizzaturi tal-festa kienu jġibu nies esperti li kienu jaħdmu fid-dipartiment tal-munizzjon ta' l-Ordni u li meta fl'1876 ġie jżur Malta l-Prinċep Albert, ċertu ngliż kunjomu Pain ġie kummissjonat biex jagħmel in-nar, li tant ħareġ xogħol ħażin li Pain tressaq il-qorti. Minn dak inhar il-Maltin bdew iġibu nies minn Sqallija biex jagħmlu n-nar u l-Maltin bdew jitgħallmu minnhom u maż-żmien saru esperti daqshom. Wara numru ta' inċidenti li bdew iseħħu u li ħallew ukoll xi vittmi, il-Gvern ħaseb li jistabbilixxi regolamenti u ligijiet dwar il-manifattura tan-nar, tant li beda joħroġ liċenzji u

permessi għall-fabbriki tan-nar. S'issa huwa magħruf li l-ewwel kamra tan-nar liċenzjata f'Malta kienet dik magħrufa bħala St. Philip's Fireworks Factory ta' Ħaż-Żebbuġ li l-permessi nħarġulha fl'1921. Bla dubju l-ispettakli tan-nar u ġiġġifogu (giuoco di fuoco), nar ta' l-art, jagħtu l-ikbar karatteristika lill-festa Maltija u huma ta' attrazzjoni turistika kbira. Din it-tradizzjoni ta' ġiġġifogu fil-misraħ lejlet il-festa tidher li bdiet madwar l'1801.

Ċertament li l-qofol tal-festa hu l-purċissjoni bil-vara tal-qaddis titulari bl-aqwa mumenti tal-purċissjoni hija l-ħruġ mill-knisja u d-dħul meta ġeneralment il-vara tintrefa mill-parruċċani. F'xi rħula, il-vara tingħata merħba kbira u brijuża meta tasal ukoll fejn il-każini tal-Banda li jorganizzaw il-festa. L-ewwel referenza għal ħruġ tal-vari fil-purċissjoni nsibuha lejn l'1620. Sa dak inhar ma jidhirx li kien hemm statwi titulari u l-ewwel waħda li nafu biha hija vara ta' l-injam li fl'1627 ġiet mogħtija lill-knisja tal-Porto Salvo ġewwa l-Isla. L-ewwel purċissjonijiet bil-vari titulari jidher li saru fis-Siġġiewi (San Nikola), f'Ħal Qormi (San Ġorġ), Il-Belt (San Pawl) u f'Ħal Luqa, meta fl'1781 ħarġu l-istatwa ta' Sant' Andrija. Biss l-ideja ta' vara titulari żviluppat l-aktar fis-seklu 19, tant li dan kien perijodu li fih saru ammont ta' vari.

Fl-imgħoddi aktar mil-lum il-festa tar-raħal kienet tkun il-jum l-aktar importanti fil-ħajja tan-nies. Sahansitra d-dar kienet tiġi mżejna u mbajda għal din l-okkażjoni. Dan billi ħafna familji kienu jistiednu lill-qraba tagħhom, anke minn irħula oħra sew għall-ikel jew bibita u fil-għaxija d-dar kienet tkun miftuħa u mdawla, speċjalment jekk minn hemm kienet tgħaddi l-purċissjoni. In-nies kienu jilbsu l-aħjar ilbies jekk mhux ukoll iżanżnu. Mat-toroq l-aktar qrib il-Knisja kont u għadek issib l-imwejjed tal-qubbajd, ħelu tardizzjonali Malti li oriġina fil-pajjiżi Għarab, żviluppa fi Sqallija u sab postu fuq il-mejda Maltija. Fuq kollox jeżistu u hemm marbuta bosta tradizzjonijiet u għidut oħra marbuta mal-festi tagħna li jixhdu kemm din hija tradizzjoni importanti kulturali u reliġjuża li jixraqilha kull apprezzament u tifħir.

